# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tad-Disa' laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Settembru 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' Filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christopher Spiteri | Sindku |
| Is-Sur Francis Debono | Viċi Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Buħagiar | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmien Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 8 t'Awwissu 2012*

2.1 Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri talab l-approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmien laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 8 t' Awwissu 2012 kif ippreżentati. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuq ir-reqqa tagħhom , is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Korrispondenza mid-9 t'Awwissu sad-19 ta'Settembru 2012*

3.1 B'referenza għall-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali Memo 10/2010 "Alternative Energy" fejn qed jinforma lill-Kunsill li x-xogħol relatat ma din l-iskema għandhu jitlesta sa mhux aktar tard mit- 3 ta' Jannar 2013, is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ppropona li l-Perit jħejji t-tender għal panelli voltovoltajci u l-amministrazzjoni tħejji l-avvizi u l-ħruġ għas-sejħa ta' l-offerti neċessarji sabiex ix-xogħol jitlesta sad-data ndikata mid-Dipartiment. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.2 Fuq korrispondenza mill-Marsa Regatta Club rigward reklamar fuq il-flokkijiet il-ġodda għas-somma ta' mitejn Euro (€200), is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ppropona li l-Kunsill ma jilqax din it-talba minħabba li bħal issa l-Kunsill għandu kwistjoni fuq tali talbiet mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn qed jingħad li l-Kunsill ma jistax jilqa' tali talbiet aktar. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.3 Għal rigward ta' nuqqas ta' ħlas mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal servizz mgħoti fl-Area tal-Korsa taż-Żwiemel, is-Sur Noel Scerri ppropona li jekk sa nhar l-Erbgħa 17 t'Ottubru 2012 id-

Dipartiment jibqa' ma jonorax l-obbligu ta' ħlas għal servizz ta' tindif fl-Area tal-Korsa lill-Kunsill kif ordnat mill-Qorti, l-Kunsill għandu jordna lill-avukat tiegħu sabiex jagħmel rikors il-Qorti fuq il-kawża temporanja fejn mingħajr l'ebda preġudizzju jordna lid-Dipartiment jattempra ruħu ma l-ordni tal-Qorti u jitlob sabiex tieħu l-provedimenti kollha neċessarji u dan sabiex l-Kunsill ma jkollhux problema ta'likwidita finanżjarja. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.4 Is-Sur Francis Debono talab sabiex il-Kunsill jinforma lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li jekk kemm il-darba l-Kunsill ma jingħatax risposta favorevoli u jibqa' ma jirċevhiex il-ħlas il-Kunsill ma jkollhux triq oħra għajr li jwaqqaf dan is-servizz. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.5 Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri qal li minħabba li l-Liġi tal-Kunsill Lokali ma tippermettiex li l-Kunsill jisponsorja wirja ta' Arti, u allura t-talba ta' l-Inginier Piscopo ma tistax tiġi milqugħa favorvolment pero' jekk il-Kunsill jtella' wirja Artistika, l-Kunsill jkun lest li jitlob l-għajnuna professjonali tiegħu. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Josef Azzopardi daħal fis-Sala fis-Sitta neqsin Għaxra ta' Filgħaxija (5.50pm)

3.6 Rigward it-talba tal-Kumitat Festi Esterni Trinita' Qaddisa sabiex ir-riklam tal-Kunsill isir fuq ir-radju minflok fuq il-kalendarju minħabba żball li sar, Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ppropona li l-Kunsill jaċċetta l-proposta mressqa. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.7 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill jitlob lill-Kumpanija Greenpak sabiex tieħu ħsieb dan ir-riklamar fuq ir-radju, sabiex nedukaw lir-residenti aħjar dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Fil-frattemp wkoll l-Kunsill għandu jitlob lill-Kumpanija l-ħlas ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250.00) għal dan is-servizz. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.8 Rigward Korrispondenza mit-Transport Malta fuq serq ta' elettriku mill-Gnien 6 t'Awwissu mill-Kuntrattur responsabbli mill-Proġett tal-Gvern fi Triq Dicembru Tlettax, is-Sur Noel Scerri ippropona li l-Kunsill b'rieda tajba jkun lest li jwaqqa l-akkuzi kontra l-Kuntrattur jekk kemm il-darba minn naħa l-oħra it-Transport Malta tikkunsidra favorevolment t-talbiet kollha preċedenti tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.9 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono saqsa rigward l-ittra mibgħuta mingħand il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni fuq l-Iskola FX Attard. Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri qal li hu jinsab mistaġeb bit-tweġiba tal-Ministru Dolores Cristina fejn qalet li qatt ma tat indikazzjoni lill-Kunsill li din l-iskola kienet ser tgħaddi f'idejn il-Kunsill, iżda qalet li nformat lis-Sindku li tiġa kien hemm pjan minn naħa tal-Ministeru għal żvilupp f'din il-binja ta' l-iskola u x-xogħol intensiv huwa mistenni li jibda' dalwaqt. Il-Ministru kompliet tgħid li jekk il-Kunsill għandu xi pjanijiet, dawn għandhom jiġu mgħoddija sabiex jaraw jekk jistgħux jiġu nkorporati. Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri kompla jgħid li hu kien nforma lill-Minstru bix-xewqat tiegħu kif din l-iskola tista' tiġi utilizzata u kif tista' tiġi mmexxija mill-Kunsill

3.10 Il-Vici Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill għandu jinforma lill-Ministru li l-Kunsill għandu viżjoni fuq din il-binja iżda sal-lum għadu ma ngħatax risposta mill-Ministru kif ser tiġi utilizzata din l-iskola.

3.11 Is-Sur Dominic Spencer ippropona li l-Kunsill ma jibgħatx l-istudju tiegħu fuq din il-binja qabel ma l-Ministru ma tagħtix indikazzjoni lill-Kunsill x'inhuma l-pjanijiet għal din l-iskola, dan sabiex ma jsirx xogħol żejjed mill-Kunsill għal xejn. Hu talab li tinkiteb ittra lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni fuq dan l-andament. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.12 Is-Sur Dominic Spencer rrimarka il-fatt li t-Transport Malta ma tatx permess sabiex il-Kunsill jtella' banner fuq il-pont ta' Triq Aldo Moro u wera' d-diżapprovazzjoni tiegħu għal dan ir-rigward.

Is-Sur Joseph Grima daħal fis-Sala fis-Sitta w ħamsa ta' Filgħaxija (6.05pm).

3.13 Is-Sur Josef Azzopardi saqsa rigward is-shelter fi Triq is-Salib li l-Għaqda Storika Kulturali qed tagħmel referenza għalih skond korrispondenza datata 12 t'Awwissu 2012. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsill li tiġa nforma lil din l-Għaqda li sabiex jinfetaħ xi xelter għall-wiri, l-Kunsill l-ewwel irid japplika għad-dawl u jħejji għal servizzi oħra fix-xelter li ġie mogħti lill-Kunsill mill-propjetarju li bena fi Triq is-Salib tal-Marsa qabel ma jkun jista' jilqa' tali talba.

3.14 Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri talab lill-Kunsill jikkunsidra l-lista tal-korrispondenza "as read". Is-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. ***Schedule of Payment 08/2012.***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa u wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti s-Sindku s-Sur Christopher Spiteri talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 5. ***Purchase Order 3247 - 3290.***

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3247 sa 3290 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq l-ordnijiet tax-xogħol, is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 6. ***Purchase Request 2038 - 2081***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2038 sa 2081 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. ***Deċiżjoni fuq Tender ta' Road Resurfacing***

7.1 Is-Sur Noel Scerri nforma lill-Kunsill rigward l-ftuħ tat-Tender li sar nhar it-Tnejn 20 t'Awwissu 2012 fil-preżenza tas-Segretarju u s-Sindku.

7.2 Is-Segretarju ppreżenta s-schedule ta' l-offerti mitfugħa li qed tiġi annessa u li kienu:

- Polidano Bros
- Central Asphalt Ltd
- Asfaltar Construction Ltd

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta wkoll r-rakkomdazzjoni tal-Perit fuq dan it-tender fejn ġie ndikat li r-rati vantaġġjużi kienu ta' Central Asphalt Ltd. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono qal li x-xogħol mwettaq mill-istess Kuntrattur fuq x-xogħol ta' tarmak fi Triq Isouard u Triq Zerafa kien eċċellenti u għaldaqstant hu ppropona li l-Kunsill jagħżel lill-Central Asphalt Ltd. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *8. Kwotazzjonijiet ta' Railing fuq il-Pont ta' San Tumas*

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa rendikont ta' l-offerti li l-Kunsill rċieva għal dan is-servizz u nforma lill-Kunsill li l-ammont ikkwotat miż-żewġ kumpaniji kienet aktar minn dak li tippermetti l-Liġi finanzjarja għal kwotazzjonijiet jiġifieri li taqbeż l-ammont ta' erba t'elef sitt mija u disgħa w ħamsin Ewro (€4,659). Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri qal li fiċ-ċirkostanza li s-somma għal dan ix-xogħol hija eċċessiva hu jipproponi li jitlesta x-xogħol fuq il-binja tal-Kunsill u wara dan ix-xogħol jerġa' jiġi kkunsidrat. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

8.2 Is-Sur Dominic Spencer saqsa x'kienet l-possibilita' li ssir filata bricks u fuq ħadid jew l-possibilita' li jsir n-naħa t'isfel biss ta' Triq Antonio Double bill-ħadid.

## *9. Bini tal-Kunsill*

9.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ta rendikont tax-xogħol li sar s'issa fuq il-binja tal-Kunsill fejn nforma fost l-oħrajn li l-Kuntrattur beda t-tieni sular bit-twaħħil tal-madum u l-kontrabejt huwa lest wkoll. Hu nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur fuq talba tal-Kunsill għalaq b'mod temporanju l-aperturi kollha minħabba x-xita u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex terġa' tissejjaħ mill-ġdid l-offerta għall-aperturi u r-railing li għaliha l'ebda kuntrattur ma tefa' l-offerta tiegħu. Hu talab li din tibqa' miftugħa sa nhar il-Gimgħa 12 t'Ottubru 2012 f'nofsinhar u li tkun bl-istess ħlas. Hu qal li ma jaqbilx li jitnaqqas l-ħlas tad-dokument ta' l-offerti kif ippropona s-Sindku s-Sur Christopher Spiteri minħabba li ċertu dilettanti jistgħu jitfgħu l-offerta u allura jistgħu ma jonorawx il-kundizzjonijiet kollha. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

9.2 Is-Sur Dominic Spencer talab lill-Kunsill li jitlob parir tal-perit fuq il-possibilita' ta' arblu tal-fibre sabiex il-Kunsill ikun jista' jpoġġi l-bnadar tiegħu. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

9.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill sabiex il-Perit jħejji l-offerti wkoll għal panelli tal-voltovoltajċi, li l-ammont ta' panelli li għandhom jiġu nstallati fuq il-bejt ta' din il-binja għandhom ikunu biżżejjed biex ikopru l-ħlas ta' konsum ta' l-elettriku tal-Gonna kollha li jaqaw taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill, kif ukoll ta' din il-binja.. Hu talab li hekk kif jitlesta d-dokument dan għandu jinħareġ minnufih u dan invista li x-xogħol irid jitlesta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2013 sabiex il-Kunsill ma jitlifx l-skema ta' fondi tal-Gvern għal Enerġija Alternattiva. Apparti dan, id-differenza fis-somma għal dawn il-panelli, l-Kunsill għandu japplika lill-MEPA sabiex jieħu l-flus neċessarji mill-UIF Fund. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Pjazza G.F.Abela*

10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa għad-dispożizzjoni tal-Kunsill l-parir tal-Perit fuq din il-pjazza fejn qal li skond l-proposti tal-Kunsill din ma tistax issir. Wara diskussjoni li saret fil-kunsill fejn fost l-oħrajn is-Sur Noel Scerri qal li r-residenti jridu li l-parkeġġ ma jonqosx f'din il-pjazza u minn naħa l-oħra il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono saqsa min huma r-residenti għax whud minn dawn il-parkeġġi qed jiġi okkupat minn residenti tal-Hamrun u mhux residenti li joqgħodu fil-pjazza, is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ppropona li l-Kunsill għandu jiltaqa' fuq il-post mall-Perit u wara l-Kunsill għandu jikkonsulta mall-pubbliku qabel ma l-Kunsill jieħu deċiżjoni fuq dan is-suġġett. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *11. Pjazza San Vincenz*

11.1 Għal rigward tal-Pjazza San Vincenz is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ispejjeż relatati sabiex jitħejjew il- pjanti u l-permessi neċessarji għal tisbieħ ta' din il-pjazza u nstalazzjoni ta' traffic lights fi Triq il-Marsa. Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-ispiża u jordna li dan ix-xogħol jibda' minnufih. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Attivita' ta' Settembru li saret nhar il-Ħadd 16 ta' Settembru 2012*

12.1. Il-Kunsilliera preżenti wrew l-apprezzament għax-xogħol li twettaq sabiex din l-attivita kienet ta' suċċess u li l-Kunsill għamel pass posittiv fejn l-Attivita' kienet aħjar mis-sena li għaddiet. Ta dan ingħata il-prosit lill-Kunsillier Dominic Spencer li kien responsabbli mit-tħejjijiet ta' din l-Attivita'.

12.2 Is-Sur Noel Scerri talab sabiex il-Kunsill jikkonsidra li jiltaqa' mat-Transport Malta sabiex Ġnien Spencer jiġi magħmmar b'tali mod sabiex tilqa' għal tħejjijiet ta' dawn it-tip ta' Attivitajiet. Dan minħabba ċertu limitazzjonijiet li seta kien hemm fi Pjazza Patri Magri. B'hekk kompla jgħid s-sur Scerri, qabel ma jingħalaq il-Proġett f'Diċembru Tlettax, il-Kunsill għandu jiltaqa' ma rappreżentanti mit-Transport Malta sabiex tikkunsidra favorevolment l-pjanti ta' żvilupp li l-Kunsill qed jipproponi f'dan il-Ġnien. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

12.3Is-Sur Dominic Spencer irringrazzja lill-Kunsill tal-fiduċja li wrew fih billi tawh din ir-responsabilita'. Hu qal li l-konkorrenza tan-nies kienet waħda pożittiva u jitlob lill-Kunsill sabiex mill-lum jibda' jħejji għal l-Attivita' tas-sena d-dieħla. Għal dan il-għan hu talab lill-Kunsill sabiex iħejji laqgħa ma l-Għaqdiet kollha nhar l-Erbgħa 3 t'Ottubru 2012 fis-Sala San Piju x fis-Sitta w nofs ta' Filgħaxija (6.30pm) sabiex jirringrazzjahom tal-parteċipazzjoni tagħhom, jitqassmu ċertifikati ta' parteċipazzjoni lil kull għaqda jew ndividwu u jesploraw il-possibilita' li s-sena d-dieħla l-Attivita' tittella ġewwa l-Menqa, dejjem jekk il-finanzi mill-Gvern jiżdiedu u l-sponsorship mill-Kumpaniji jiżdied b'mod konsiderevoli. Hu qal li r-reklamar ta' l-attivita' apparti l-banners fuq il-pont ta' San Tumas, fi Triq is-Salib u Triq it-Tigrija, kienu fuq il-ktieb tal-Kumitat Festi Esterni Marija Regina u fil-ktieb ta' l-Għaqda Muzikali Marija Regina għas-somma ta' Mitejn u ħamsin Euro (€250.00) kif ukoll fuq ir-Radju Trinitarji FM, Ir-reklamar kien tajjeb ħafna u effettiv u allura s-sena d-dieħla t-talba t'għajnuna lill-Kumpaniji privati trid togħla b'mod konsiderevoli kompla jgħid is-Sur Spencer. Hu talab l-approvazzjoni ta' dan kollhu mill-Kunsill kif ukoll spejjeż addizzjonali li saru li kienu:

| | |
|---|---|
| Kummissarju tal-Pulizija | €410.43 |
| Hip Hop Feet | €110.00 |
| J.J. Ironmongery | €504.23 |
| Leon Promotions | €675.00 |
| Horace Enterprises | €375.00 |
| Pavi Supermarket Ltd | €150.00 |
| Għaqda Storika Kulturali Marsa | €100.00 |
| Sound Generation | €920.00 |
| Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' | €500.00 |
| Scouts Association | €300.00 |
| Pageant Group | €100.00 |
| Socjeta Muzikali Banda Marija Regina | €266.00 |
| Joe Bonnici & Sons | €153.99 |
| Kumitat Festi Esterni Marija Regina | €500.00 |
| Jackson's Pipe | €50.00 |
| J.F.Security Ltd | €49.97 |
| Aurelia Enforcement Ltd | €37.38 |
| Print Right Ltd | €948.72 |

| | |
|---|---|
| Door to Door Advertising | €873.20 |
| Kazin tal-Banda Trinita' Qaddisa | €266.00 |

Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Ilmenti*

13.1 Is-Sur Noel Scerri talab sabiex il-Kunsill jinforma lit-Transport Malta wara li tintbgħat e-mail mill-Go fuq l-inkonvenjent li sofriet din il-Kumpanija mid-dranaġġ li daħlilhom fil-basement.

13.2 Is-Sur Noel Scerri ippropona li l-Kunsill japplika lill-Kummisjoni Ismijiet tat-Toroq sabiex Triq ix-Xemxija tissemma għal Perit Duminku Mintoff. Din qed tintalab b'urġenza minħabba li talbiet simili huma previsti li jintbgħatu lil din il-Kummissjoni minn diversi Kunsilli u allura l-Kunsill għandu jkun minn ta' l-ewwel. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

13.3 Is-Sur Joseph Grima talab sabiex Kelly Industries fi Triq Holy Trinity jiġi approvat "Loading & Unloading Bay" Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsillier li l-Kunsill talab aktar dettalji lill-din il-Kumpanija qabel ma tgħaddi din it-talba lit-Transport Malta.

Is-Sur Josef Azzopardi telaq mis-sala fis-Sebgħa w kwart ta' Filgħaxija (7.15pm).

13.4 Is-Sur Anthony Buhagiar saqsa fuq żbir ta' Sigar fi Triq il-Jum. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsill li dan l-ilment tiġa' ġie mgħoddi lill-ELC.

13.5 Is-Sur Anthony Buhagiar talab li l-Kunsill jneħħi r-rampa li saret fi Triq Isouard quddiem garage 107 minħabba l-periklu li jista' jinħoloq lill-terzi persuni. Is-Sindku s-Sur Christopher Spiteri nforma lill-Kunsill li hu tiġa' nforma lis-sid ta' dan il-garage sabiex jneħħi dan l-inkonvenjent. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsill li tiġa ġie mgħoddi dan l-ilment lill-Awtoritajiet ikkonċernati.

13.6 Is-Sur Dominic Spencer talab lill-Kunsill jitlob lit-Transport Malta sabiex jagħmel Central Strip tal-ġebel fi Triq is-Salib quddiem Reborn Bar, dan minħabba li l-karozzi mhux qed iduru mar-roundabout minħabba li l-marki tac- central Strip mhux qed ikunu biżżejjed. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

.7 Is-Sur Dominic Spencer talab sabiex il-Kunsill jerġa' jitlob lit-Transport Malta sabiex tagħmel studju ta' tmexxija ta' traffiku fi Triq il-Marsa quddiem il-kumpanija Quality Meats minħabba lir-regolarita' tas-sistema tat-traffiku li l-Kunsill wiret. Dan ix-xogħol għandu jsir mit-Transport Malta u l-Kunsill jissuġġerixxi li titneħħa l-enormita ta' bankina li teżisti bħalissa quddiem din il-Kumpanija. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

13.8 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsill li b'referenza għal ilment Nurmu 113/12 l-amministrazzjoni tiġa' bagħtet diversi e-mails fuq dan l-inkonvenjent lit-Transport Malta, filwaqt li għal rigward ilmenti minn 114 – 119 u 124 – 131 ix-xogħol rikjest tiġa ġie ordnat mill-Kunsill.

13.9 Dwar ilment 121/12 is-Segretarju Ezekuttiv kompla jinforma lill-Kunsill li dan l-ilment ntbagħat għall-attenzjoni tat-Transport Malta kif sar wkoll fuq ilment 123/12 li ġie riferut lill-MEPA minħabba li dan ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill. Filwaqt li lment 134/12 ġie riferit lill-Għassa tal-Pulizija u Vice Squad għal assistenza tagħhom.

13.10 Ilment 135/12 kompla jgħid is-Segretarju Ezekuttiv ġie riferut lill-Arriva minħabba li ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill, iżda sal-lum ma ttieħdet l'ebda azzjoni jew deċiżjoni.

13.11 Għal rigward ta' ilment 120/12, 132/12 u 133/12 is-Segretarju Ezekuttiv talab d-direzjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li l-Kunsill għandu jikkunsidra dawn it-tip ta' xogħolijiet fuq pjan ta' tlett snin u jipprijoratizza dan ix-xogħol skond l-finanzi disponibbli tal-Kunsill. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

13.12 Rigward Ilment 133/12, is-Sur Dominic Spencer talab sabiex sid il-garaxx msemmi jagħti lill-Kunsill l-permessi u l-pjanti tal-bini billi l-livell ta' l-istabiliment tiegħu sabiex jiġu mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill, sabiex dan jagħti l-parir tekniku u gwida lill-Kunsill. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

13.13 Is-Sur Noel Scerri talab sabiex il-kumplament minn ilment numru 136 l'quddiem jiġu diskussi f'seduta oħra. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *15. Mistoqsijiet*

15.1 Hadd mill-Kunsilliera preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet.

## *16. Aġġornament tal-Laqgħa*

16.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 t' Ottubru 2012 fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm).

Il-Laqgħa spiċċat fit-tmienja w kwart ta' filgħaxija (8.15pm).

Christopher Spiteri
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv